GOVERNMENT OF MALTA

FONDI.eu

# Insaħħu l-Konservazzjoni taż-Żrieragħ: Żjara teknika fi ħdan IPK fil-Ġermanja

Fl-2025, uffiċjal xjentifiku mid-Direttorat għas-Servizzi ta' Riċerka u Konsulenza żar l-istitut ta' Liebnziz fuq il-ġenetika tal-pjanti u r-riċerka fuq l-għejjel (IPK) ġo Gatersleben fil-Ġermanja. Din iż-żjara seħħet permezz tal-programm ERASMUS+ u ffukat fuq it-tisħiħ tal-għarfien fuq il-konservazzjoni taż-żrieragħ u l-immaġinajr tal-banek taż-żrieragħ f'Malta.

## Nitgħallmu minn Pijunieri fl-Ewropa

IPK għandha fi ħdanha wieħed mill-iktar banek tal-ġeni avvazzanti fl-Ewropa li fih jaħżnu 'il fuq minn 150,000 kampjuni ta' pjanti mid-dinja kollha. Waqt iż-żjara, id-delegazzjoni Maltija kienet id-dell ta' xjentisti mill-IPK biex tkun tista' tikseb tagħrif mill-viċin x'inhi r-rutina f'bank tal-ġeni u x'inhuma l-aħjar prattiċi li għandhom jitwettqu.

Ix-xjentist Malti kellu l-opportunità jagħraf il-miġja kollha ta' kampjun taż-żerriegħa f'bank tal-ġeni – mir-riġenerazzjoni fl-għalqa jew fis-serer, għal ħsad, it-tindif, il-ħażna u l-ittestjar tal-kwalità tal-kampjun li se jkun maħżun. Ix-xjentist osserva dawn il-proċessi għaż-żerriegħ tat-tagħam, ħxejjex, hemzi, ħxejjex mediċinali u qraba slavaġġ tal-għelejjel.

## Għodod Moderni u Sistemi Diġitali

Iż-żjara għenet biex introduċiet lix-xjentist Malti għat-teknoliġiji moderni li jintużgħu f'IPK. Dawn jinkludu l-krijopreservazzjoni għal ħażna taż-żrieragħ u materjal tal-pjanti fit-tul, sistemi diġitali tar-ritratti taż-żrieragħ għall-analiżi tal-kwalità tagħhom u għodod awtomatiċi li jkejlu l-pjanti b'ħeffa kbira. Ix-xjentisti f'IPK urew kif din l-informazzjoni hija maħżuna f'databases avvazzanti biex wieħed jassigura traċċibilità tal-materjal li jkun qed jiġi analizzat.

Ix-xjentisti ddiskuttew ukoll l-immaniġġjar tal-kwalità permezz ta' metodi standard miktubin u permezz ta' standards internazzjonali li jsostnu standards għoljin ta' konservazzjoni.

## Sostenn għall-Bank tal-Ġeni ta' Malta

Din iż-żjara teknika se tipprovidi għarfien utli li ser iservi biex isostni l-iżvilupp tal-Bank tal-Ġeni f'Malta. Serviet ukoll biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn Malta u IPK, u fetħet bibien għall-kollaborazzjoni u skambju ta' għarfien bejn l-organizzazzjonijiet.

Erasmus+
Enriching lives, opening minds.

Co-funded by the European Union

Funded by the European Union. Views and opinions expressed are however those of the author(s) only and do not necessarily reflect those of the European Union or EUPA. Neither the European Union nor the granting authority can be held responsible for them.

GOVERNMENT OF MALTA

FONDI.eu

Billi qiegħda titgħallem minn sħab stabbiliti Ewropej, Malta qiegħda tagħmel passi important biex tipproteġi d-diversità tal-ġenetika tal-pjanti lokali għall-agrikoltura u l-ġenerazzjonijiet li jmiss.




Erasmus+
Enriching lives, opening minds.

Co-funded by the European Union

Funded by the European Union. Views and opinions expressed are however those of the author(s) only and do not necessarily reflect those of the European Union or EUPA. Neither the European Union nor the granting authority can be held responsible for them.